**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 194/2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Hamza Mohamud Ibrahim**
**(ID 0101937(A))**

**Illum, 4 ta' Novembru 2015**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Hamza Mohamud Ibrahim, imwieled is-Somalia nhar it-3 ta' Awwissu 1994, residenti gewwa Blk Q, Flat 3, Triq Frank Debono, Zebbug Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 0101937(A);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-25 ta' Lulju 2015 gewwa Paceville, San Giljan:

1. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. Ikkommetta dan ir-reat fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat wiegeb li mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti saljenti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar il-25 ta' Lulju 2015, PS 1163 Frans Schembri u PC 213 Nikolai Borg waqqfu lill-imputat gewwa Paceville, fit-tarag li minn Triq San Gorg jaghti ghall-bajja u hekk kif PC 213 qabad lill-imputat minn idejh it-tnejn, l-istess imputat rema karta mill-id tal-lemin. Irrizulta li f'din il-karta, li giet migbura minn PS 1163, kien hemm diversi bicciet suspettati raza tal-*cannabis*. L-imputat gie arrestat u l-ghada rrilaxxja stqarrija, wara li gie mwissi bid-dritt tieghu li jibqa' sieket u wara li rrifjuta li jiehu parir legali qabel l-interrogatorju tieghu.[1]

Mir-relazzjoni tal-espert, ix-Xjenzat Godwin Sammut[2], jirrizulta illi fuq estratti mehuda mis-sustanzi ta' lewn kannella fid-dokument li huwa nghata ghall-analizi, instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*. Il-piz totali tas-sustanza kien ta' 3.55 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 6.5%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-*cannabis* u hija kkontrollata bil-ligi.

[1] Ara x-xhieda ta' PS 1163 Frans Schembri (a fol. 20 *et seq* tal-process), ix-xhieda ta' PC 213 Nikolai Borg (a fol. 28 *et seq* tal-process) u x-xhieda ta' l-Ispettur Gabriel Micallef (a fol. 31 *et seq* tal-process).
[2] Esebita a fol. 40 *et seq* tal-process.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fix-xhieda tieghu, PS 1163 Frans Schembri jghid illi fil-lejl in kwistjoni, waqt li kien fit-tarag li minn Triq San Gorg gewwa Paceville, jaghti ghall-bajja u fil-waqt li kien qed jitkellem ma' persuna ohra flimkien ma' PC 213, dwar liema persuna kellhom xi suspett dwar pussess ta' sustanzi lleciti, huwa nnota persuna fin-naha ta' fuq tat-tarag ossia lill-imputat odjern, li kien qed jaghmel certu mossi jew movimenti bhal donnu kien qieghed jistahba minn xi hadd. Stante illi fl-istess Triq San Gorg kien hemm pulizija ohrajn li kienu qed jaghmlu xi tfittxijiet, l-istess PS 1163 issuspetta li l-imputat kien qed jistahba proprju minnhom u ghalhekk huwa resaq fid-direzzjoni tieghu, gibdu l-isfel lejn it-tarag u bl-ghajnuna ta' PC 213 Nikolai Borg, waqqaf lill-imputat, f'liema hin, kif inghad izjed 'il fuq, huwa rah jarmi karta minn idu tal-lemin, liema karta kienet mimlija b'bicciet suspettati raza tal-*cannabis.* Din il-parti tax-xhieda ta' PS 1163 Frans Schembri giet ikkonfermata wkoll minn PC 213 Nikolai Borg li qal ukoll illi fil-waqt li hu u l-kollega tieghu kienu qed jaghmlu tfittxija fuq terza persuna, innutaw lill-imputat, li dak il-hin, beda jistahba wara hajt, johrog rasu u jhares lejn l-Ispettur Micallef u pulizija ohrajn mill-Iskwadra kontra d-Droga, li kienu fil-vicinanzi u jerga' jidhol wara l-hajt. Anke l-imputat ikkonferma illi huwa kien ghadu kif ra zewg persuni jigu arrestati, li dak il-hin bhal ha qatgha u x'hin il-pulizija pajzana marru fuqu u qabdulu jdejh – li ma kinux l-istess pulizija li ezegwew l-arrest fuq il-persuni l-ohrajn li jsemmi hu - huwa rema s-sustanza li kellu fil-pussess tieghu ghaliex beza' li kien ser jinqabad.

Fix-xhieda tieghu, PS 1163 jghid ukoll illi l-imputat ma ttehidx mill-ewwel gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghaliex kienu qed jistennew karozza u sakemm din waslet, l-istess imputat kien bilqeghda fuq kantun, fil-genb tat-triq, b'idejh immanettjati wara dahru. F'dan il-hin, skond l-istess xhud, resaq turist fuq l-imputat "*jitolbu biex jixtri d-droga minghandu*"[3]. In ezami, ix-xhud jghid ukoll illi huwa sema' lit-turist jitkellem mal-imputat bl-Ingliz, li l-mossi li beda jaghmel it-turist kienu jindikaw li dan beda jipprova jixtri d-droga minghand l-imputat, li t-turist kellu xi haga f'idejh, bhal flus u li dak il-hin, l-imputat beda jaghmel sinjali b'rasu lit-turist sabiex dan jitlaq l'hemm, f'liema mument fil-fatt it-turist telaq. In kontro-ezami[4], madankollu, ix-xhud qal illi huwa ma setax jghid illi t-terza persuna kellem lill-imputat ghaliex ma kienx daqshekk fil-vicin li seta' jisma' u li lanqas seta' jghid illi dan it-terz kellu xi haga f'idejh. L-unika haga li seta' jikkonferma

[3] A fol. 21 tal-process.
[4] A fol. 68 *et seq* tal-process.

x-xhud kienet li huwa ra lill-imputat jaghmel mossi bir-ras u sinjali bl-ghajnejn lit-terz, sabiex dan jitlaq l'hemm.

Dwar dan il-Qorti jidhrilha illi ghalkemm huwa minnu illi l-fatt illi persuna avvicinat lill-imputat, meta dan ma setax jinduna li l-imputat kien immanettjat ghaliex kellu jdejh wara dahru u fl-istess hin, l-imputat beda jaghmillu sinjali b'rasu u b'ghajnejh sabiex jitlaq minn hemm, iqanqas certi suspetti fl-imputat odjern, madankollu, fin-nuqqas ta' provi ohrajn li jindikaw b'mod car ghaliex dan kien avvicina lill-imputat, il-Qorti ma tistax minn dan tislet il-konkluzjoni li t-terz kien mar fuq l-imputat proprju biex jitolbu d-droga.

Dwar id-droga misjuba fil-pussess tal-imputat, l-istess imputat m'huwiex jikkontesta l-pussess tal-istess, anzi jammetti li din kienet tieghu u li minnha kien ser juza huwa stess fil-lejl in kwistjoni. Dak li qed jikkontesta l-imputat ghalhekk m'huwiex il-pussess semplici tar-raza tal-*cannabis*, izda l-pussess bl-aggravanti. Skond l-imputat din ir-raza kienet intiza biss ghall-uzu personali tieghu. Dwar ir-reat tal-pussess bl-aggravanti, intqal hekk fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed.*"

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu[5], l-imputat jghid illi l-*cannabis* li nstabet fuqu kienet intiza ghalih u mistoqsi kemm kien ipejjep *cannabis*, huwa wiegeb li kien ipejjep madwar sitt sigaretti kuljum. Jghid ukoll illi hallas tletin Euro ghas-sustanza li nstabet fuqu. Huwa cahad li kien ser ibiegh minn din is-sustanza u sostna li din kienet ghall-uzu tieghu. Jghid ukoll illi kien ilu jpejjep il-*cannabis* ghal perjodu ta' madwar tmien xhur.

Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri[6], imbaghad, l-imputat jghid illi fil-lejl in kwistjoni, huwa kellu l-haxixa fil-pussess tieghu u li ghall-habta tal-10.00 p.m. kien sejjer hdejn il-bahar, wahdu, biex ipejjep din il-haxixa. Jghid li xi hames minuti qabel, huwa kien ghadu kif wasal fuq il-post u lanqas kien kellem lil hadd sal-hin li huwa gie arrestat. Il-haxixa kienet fil-but tal-qalziet tieghu u x'hin il-pulizija qabduh minn idejh, huwa harigha mill-qalziet u remiha fl-art. Skond hu, f'idejh kellu l-inbid u li kien bi hsiebu jixrob l-inbid u jpejjep il-haxixa li kienet ghall-uzu tieghu. Huwa qal ukoll b'referenza ghall-bicca raza daqs seba, li din ipejjipha f'darbtejn. Qal illi huwa kien qed igorr sitt bicciet, daqs bejn wiehed u iehor subghajh iz-zghir u li hamsa minnhom kien ser ipejjiphom f'dak il-lejl ossia f'temp ta' erba' sighat, fil-waqt li kien ser ihalli wahda ghal filghodu. L-imputat qal illi meta ma jkollux flus, ma jkunx jista' jpejjep *cannabis*. In kontro-ezami, l-imputat qal illi huwa jixtri l-*cannabis* mill-beneficcji socjali li jircievi minghand il-Gvern li jammontaw ghal tliet mitt Euro fix-xahar u mistoqsi l-prezz li biha jixtri l-*cannabis*, jghid illi huwa jixtri erba' bicciet u jhallas ghaxar Euro ghal kull bicca ossia erbghin Euro u jinghata zewg bicciet b'xejn. Jghid ukoll illi huwa xtara din il-*cannabis* xi tliet sighat qabel. L-imputat qal illi huwa jpejjep biss meta jkollu l-flus ghaliex altrimenti ma jpejjipx u li gieli f'xahar ma jpejjep xejn. Qal ukoll illi meta jkollu l-flus, huwa jpejjep anke sitt sigaretti kuljum, izda jekk ma jkollux flus, ma jpejjipx.

Issa f'dan il-kaz, il-piz tad-droga in kwistjoni ma kienx wiehed kbir, tant illi skond ir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, dan kien ta' 3.55 grammi. Biss li l-ammont ta' droga ma jkunx wiehed kbir jew inkella li wiehed ikun huwa stess jabbuza mill-istess droga, ma jeskludix necessarjament illi tali droga ma tkunx intiza ghall-uzu personali u esklussiv tal-pussessur. Wara li l-Qorti rat hija stess id-droga misjuba fil-pussess tal-imputat, tinnota fl-ewwel lok, illi fil-waqt illi l-imputat qal li din kienet tikkonsisti f'sitt bicciet daqs bejn wiehed u iehor subajgh iz-zghir, biss dawn effettivament kienu jikkonsistu fi hdax-il bicca zghira, ferm izghar minn seba, apparti xi tliet bicciet ohrajn zghar hafna. Il-Qorti tinnota wkoll

[5] A fol. 34 u 34A tal-process.
[6] A fol. 54 *et seq* tal-process.

illi meta wiehed iqis li normalment doza tipika ta' *cannabis* f'*joint* hija dik ta' 0.2 grammi u li persuna jista' jpejjep sa hames *joints* kuljum – li pero` jiddependi fuq il-persuna u l-kwalita` tal-*cannabis*[7] – dan ifisser illi la darba l-ammont ta' *cannabis* misjub kien ta' 3.55 grammi, l-imputat kellu bizzejjed sustanza ghal kwazi tmintax-il *joint*. Isegwi wkoll minn dan illi m'huwiex kredibbli l-imputat meta jghid illi f'temp ta' erba' sighat fl-istess lejl, huwa kien bi hsiebu jpejjep il-maggoranza tal-bicciet (skond hu hames bicciet daqs ta' seba) tal-*cannabis* li nstabu fil-pussess tieghu, ghaliex dan ifisser illi fuq temp ta' erba' sighat, huwa kien ser ipejjep xi hmistax-il *joint* wahdu! Anke jekk wiehed jikkunsidra illi l-imputat kellu hdax-il bicca zghira (apparti xi bicciet ohrajn zghar hafna) u jiddividi l-piz totali b'dan l-ammont, jirrizulta li l-piz medju ta' kull bicca huwa ta' cirka 0.32 grammi, li jfisser illi anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss l-imputat kien bi hsiebu jaghmel *joint* minn kull bicca li kellu fil-pussess tieghu, xorta wahda kellu ferm izjed droga milli kellu bzonn f'erba' sighat, ghaliex certament ma kienx possibbli ghall-imputat li jpejjep xi disa' *joints* wahdu f'dan il-hin qasir. Irid jinghad ukoll illi l-ammont li nstab fuqu lanqas ma jikkombacja mal-ammont ta' *cannabis* li l-imputat jghid, fl-istqarrija tieghu, li jpejjep f'jum, ghaliex fil-waqt li fl-istqarrija jghid li jpejjep sitt *joints* kuljum – li jfisser ghalhekk illi jkollu bzonn madwar 1.2 grammi *cannabis* kuljum – fil-pussess tieghu instabet izjed droga minn hekk. U jekk allura l-imputat kien ipejjep sitt *joints* kuljum (skond l-istqarrija tieghu), certament li m'huwiex attendibbli dak li jghid fix-xhieda tieghu ossia li huwa kien ser ipejjep ammont ikbar ta' *joints* (bejn disa' u hmistax-il *joint*) jew xi tliet grammi (ghaliex kien ser ihalli bicca skond hu ghal filghodu) f'hin tant qasir ta' erba' sighat. U lanqas ma huwa attendibbli l-imputat meta jghid illi kien ser ipejjep din il-*cannabis* kollha wahdu f'hin tant qasir, meta fl-istess waqt jghid ukoll fl-istess xhieda li meta ma jkollux flus ma jpejjep xejn u li gieli lanqas f'xahar shih ma jpejjep *cannabis*. Ma jistax ghalhekk jitwemmen l-imputat meta jghid illi huwa kien bi hsiebu jpejjep din id-droga kollha f'erba' sighat.

Dawn ic-cirkostanzi flimkien ossia l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tal-imputat li ma jikkombacjax ma' uzu personali ta' droga fuq temp ta' erba' sighat u lanqas *del resto* mal-ammont li fl-istqarrija l-imputat jghid li jikkonsma f'jum, il-mod kif din kienet maqsuma ossia fi hdax il-bicca zghira pjuttost simili fid-daqs fil-maggor parti taghhom, apparti xi tliet bicciet ohrajn zghar hafna, li l-imputat inqabad b'din id-droga fil-pussess tieghu gewwa Paceville u n-nuqqas ta' kredibbilita` tal-imputat u ta' attendibilita` fil-verzjoni moghtija minnu li jwasslu lill-Qorti biex ma temminx il-verzjoni tieghu li d-droga misjuba kienet intiza biss ghall-uzu personali tieghu, iwasslu lkoll lill-Qorti ghall-konvinciment morali illi

---

[7] *World Drug Report 2006 Volume I. Analysis,* pagna 96 *et seq.*

tali droga ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tieghu. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, ossia l-aggravju tad-distanza, huwa evidenti mill-provi mressqa illi fil-lejl in kwistjoni, l-imputat kien qieghed f'Paceville – certament post fejn normalment jitlaqghu z-zghazagh - u kif jghid huwa stess, fix-xhieda tieghu, ftit tal-mumenti qabel l-arrest tieghu, huwa kien miexi hdejn *Havana*. Meta gie arrestat kien qieghed fl-akkwati tal-istabbiliment precedentement maghruf bhala *Axis*, fin-naha ta' fuq tat-tarag fil-vicinanzi tal-istess stabbiliment, liema tarag jaghti ghall-bajja. Ghaldaqstant, huwa car illi anke dan l-aggravju jirrizulta ppruvat fil-grad rikjest mil-ligi.

## Kunsiderazzjonijet dwar Piena

Il-Qorti tinnota fl-ewwel lok illi l-fedina penali tal-imputat ma gietx esebita mill-Prosekuzzjoni.

Ghal fini ta' piena, qieset ghalhekk l-ammont ta' droga in kwistjoni u kif din kienet maqsuma u illi tenut kont tal-ammont, piena lejn il-minimu tkun wahda idonea.

## Konkluzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u t-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghall-piena ta' **tmien (8) xhur prigunerija effettiva -** li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni biss mar-reat li tieghu qieghed hawn jinstab hati – u **multa ta' sitt mitt Euro (€600)**.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti f'dawn il-proceduri ossia s-somma ta' mija, erbgha u hamsin Euro u sitta u sebghin centezmu (€154.76), rapprezentanti l-ispejjez rigwardanti r-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument GM hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat